Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita' 2016

Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-7.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### RESIDENTI PREŻENTI:

Neal Bartolo – ID: 254089M – Andromeda, Triq l-Imdina
Jamie Bugeja – ID: 10373M – Villa Modena, Triq l-Imdina

## Minuti

Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 1 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri talab lir-residenti preżenti biex iressqu l-mistoqsijiet u suġġerimenti li għandhom.

1.2.1 Neal Bartolo – Ilmenta li qed jaqilgħu iċ-ċitazzjonijiet meta qed jipparkjaw fi Vjal De Paule k/m Triq il-Linja, Ħ'Attard (kif dejjem sar).

1.2.2 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurmah li l-Kunsill għadu kif approva li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex il-linji bojod kontinwi jinbidlu f'linji bojod mhux kontinwi.

1.3.1 Neal Bartolo – Talab sabiex ir-*Residential Parking Scheme* tiġi estiża għal Triq l-Imdina wkoll peress li qed ikun hemm problema kbira ta' *parking.*

1.3.2 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurmah li sakemm Transport Malta toħroġ il-*policy* l-ġdida fuqhom, mhux qed jintlaqgħu talbiet ġodda.

1.4.1 Neal Bartolo – Talab li jiġi mibdula żewġ (2) tabelli li qiegħdin fi Triq l-Imdina k/m Triq San Franġisk għax iċċaraw u m'għadhomx jidhru.

1.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li se jiġu ordnati żewġ (2) tabelli ġodda biex jinbidlu.

1.5.1 Jamie Bugeja - Ilmenta dwar it-traffiku li qed ikun hemm fi Triq l-Imdina fil-ħinijiet ta' filgħodu. Dan it-traffiku qed jinħoloq peress li ħafna nies qed jużaw dawk l-inħawi biex jevitaw it-traffiku ta' l-Imrieħel u toroq prinċipali oħra.

1.5.2 Il-Viċi-Sindku infurmah li l-Kunsill qed jippjana li ssir *Consultation Session* mar-residenti dwar *Traffic Management* fix-xhur li ġejjin sabiex tiġi diskussa din il-problema flimkien ma' problemi oħra li għandhom x'jaqsmu mat-traffiku f'Ħal Balzan.

## 2 Tmiem tal-laqgħa

2.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri irringrazzja liż-żewġ (2) residenti li kienu preżenti talli attendew għal din il-Laqgħa.

2.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.50pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |